KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 20.12.2007
KUMM(2007) 841 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

Dwar l-applikazzjoni matul is-sena 2006 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

DAHLA

Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni[1] jistipola fl-Artikolu 17(1) li kull istituzzjoni għandha tippubblika rapport annwali li juri n-numru ta' każijiet fejn hija rrifjutat li tikkomunika dokumenti wara talba u tippreżenta r-raġunijiet għal-dan ir-rifjut. Ir-rapport għandu jsemmi wkoll in-numru ta' dokumenti sensittivi li r-referenzi tagħhom ma ġewx imdaħħla fir-reġistru pubbliku tad-dokumenti.

Dan ir-rapport, li jkopri s-sena 2006, huwa l-ħames rapport ippreżentat b'dan il-mod mill-Kummissjoni fl-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

L-anness ta' dan ir-rapport fih data ta' l-istatistika dwar it-trattament tat-talbiet għall-aċċess. Serje ta' tabelli juru l-figuri għall-aħħar tliet snin ta' applikazzjoni tar-Regolament, li b'hekk jippermettu li tiġi segwita l-evoluzzjoni ta' l-implimentazzjoni tiegħu. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-istatistika hi biss dwar it-talbiet ta' aċċess għal dokumenti li ma kinux ippubblikati u ma tinkludi la l-ordnijiet tad-dokumenti diġà ppubblikati u lanqas it-talbiet għal informazzjoni.

1. Politika ta' Trasparenza

Ir-reflessjoni fuq ir-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti, li dwarha d-deċiżjoni kienet fil-prinċipju ttieħdet fid-9 ta' Novembru 2005, kompliet matul is-sena 2006. B'mod partikolari, il-Kummissjoni wettqet riflessjoni interna sabiex tħejji l-konsultazzjoni pubblika li saret fl-2007.

2. Reġistri u Siti fuq l-Internet

2.1. Fl-aħħar ta' l-2006, ir-reġistru tad-dokumenti tal-Kummissjoni kien fih 73 708 dokument. (ara t-tabella fl-anness).

2.2. Ir-Regolament jipprevedi fl-Artikolu 9(3) li d-dokumenti hekk imsejħa "sensittivi"[2] jitniżżlu biss fir-reġistru bi qbil ma' l-awtorità ta' oriġini. Fl-2006, l-ebda dokument sensittiv fis-sens ta' din id-dispożizzjoni ma kien jagħmel parti mill-kopertura tar-reġistru.

2.3. Id-data dwar il-konsultazzjoni tas-sit "Trasparenza u aċċess għad-dokumenti", aċċessibbli fuq is-server EUROPA hija kif ġej:

	Numru ta' viżitaturi	**Numru ta' sessjonijiet**	**Paġni viżwalizzati**
Total	**71.241**	**109.780**	**131.124**

[1] ĠU L 145, tal-31.5.2001, p. 43

[2] *"Dokumenti sensittivi huma dokumenti li ġejjin mill-istituzzjonijiet jew mill-aġenziji mwaqqfa minnhom, mill-Istati Membri, pajjiżi terzi jew Organizzazzjonijiet Internazzjonali, klassifikati bħala "TRÉS SECRET/TOP SECRET", "SECRET" jew "CONFIDENTIEL" skond ir-regoli ta' l-istituzzjoni rilevanti, li jħarsu l-interessi essenzali ta' l-Unjoni Ewropea jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha fl-oqsma koperti mill-Artikolu 4(1)(a), partikolarment is-sigurtà pubblika, kwistjonijiet militari u tad-difiża" (Art 9(1))*

Medja fix-xahar	**5.937**	**9.148**	**10.927**

3. Kooperazzjoni ma' l-Istituzzjonijiet l-oħra u l-Istati Membri

Il-**Kummissjoni interistituzzjonali**, prevista fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament, ma ltaqatx fil-livell politiku matul is-sena 2006.

Is-servizzi tat-tliet istituzzjonijiet inkarigati mill-implimentazzjoni tar-Regolament komplew il-forum ta' skambju tagħhom dwar kwistjonijiet ta' natura ġuridika relatati ma' l-applikazzjoni tar-Regolament.

4. Analiżi tat-Talbiet Għal Aċċess

4.1. It-tendenza għal żieda kostanti tan-numru ta' **talbiet inizzjali** osservata wara l-adozzjoni tar-Regolament ġiet ikkonfermata fis-sena 2006. Għad din is-sena, 3841 talba inizjali ġew irreġistrati mis-servizzi, jiġifieri 445 talba iktar milli fl-2005.

4.2. In-nurmu ta' **applikazzjonijiet ta' konferma** naqas notevolment; ġew irreġistrati 140 applikazzjoni fl-2006 kontra 233 fl-2005.

4.3. Hemm ftit tibdil fit-tqassim ta' applikazzjonijiet skond il-qasam ta' interess, ħlief dawk li jirrigwardaw il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet ta' ġustizzja, fejn in-numru ta' applikazzjonijiet kważi rdoppja. Madwar 40% ta' l-applikazzjonijiet ġejjin mill-oqsma tal-kompetizzjoni, tal-kooperazzjoni fil-ġustizzja, ta' l-ambjent, tas-suq intern, tat-trasport u ta' l-enerġija.

4.4. It-tqassim ta' l-applikazzjonijiet f'kategoriji soċjoprofessjonali juri żieda sinifikanti ta' applikazzjonijiet li ġejjin mid-dinja akkademika, li jirrappreżentaw iktar minn 30% ta' l-applikazzjonijiet.

4.5. Fl-aħħarnett, it-**tqassim ġeografiku ta' l-applikazzjonijiet** baqa' wkoll kostanti. Iktar minn 20% tat-talbiet joriginaw minn persuni jew minn organizzazzjonijiet imwaqqfa fil-Belġju, minħabba fin-numru ta' intrapriżi, minn uffiċċji ta' avukati jew minn assoċjazzjonijiet jew NGOs li joperaw fuq livell Ewropew. Barra dan, il-biċċa l-kbira ta' l-applikazzjonijiet joriginaw mill-Istati Membri l-iktar popolati: Il-Ġermanja, Franza, l-Italja, ir-Renju Unit, l-Olanda u Spanja, li b'kollox jagħmlu ftit iktar min-nofs tat-talbiet. Il-parti ta' l-Istati Membri l-ġodda għadha modesta, minkejja żieda żgħira għal ħafna minnhom.

5. L-Applikazzjoni ta' l-Eċċezzjonijiet għad-Dritt ta' Aċċess

5.1. Il-perċentwali ta' tweġibiet pożittivi fil-fażi inizzjali tat-talbiet żiedet meta mqabbla mas-snin ta' qabel.

F'73.83 % tal-każijiet, id-dokumenti ġew żvelati b'mod sħiħ u f'2.94 % tal-każijiet, ingħata aċċess parzjali għad-dokumenti mitluba.

5.2. Il-perċentwali tad-deċiżjonijiet li jikkonfermaw il-pożizzjoni inizjali żdied ftit (minn 69.29 % għal 68.24 % tal-każijiet fl-2005).

Il-perċentwali tat-tweġibiet totalment pożittivi wara rifjut inizjali wkoll żdied ftit (minn 8.57% għal 7.30% fl-2005). Il-perċentwali tad-deċiżjonijiet li jagħtu aċċess parzjali wara rifjut inizjali naqas ftit (22,14% għal 24,46% fl-2005).

5.3. Fl-istadju inizjali, iż-żewġ raġunijiet ewlenin ta' rifjut huma:

– il-protezzjoni ta' l-għan ta' l-attivitajiet ta' ispezzjoni, ta' inkjesta u ta' verifika (artikolu 4(2), it-tielet inċiż), għalkemm juri tnaqqis sinifikanti meta mqabbel ma' l-2005 (30,7% ta' rifjuti, kontra 41,80% fl-2005);

– il-protezzjoni tal-proċess ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni (artikolu 4(3)), b'perċentwali ta' 19,06% tal-każijiet dwar opinjonijiet għall-użu intern u ta' 14,30% ta' dawk li d-deċiżjoni għadha ma tteħditx, jiġifieri totali ta' 33,36% rifjuti).

Il-protezzjoni ta' l-interessi kummerċjali tintuża f'8.94 % tal-każijiet ta' rifjut fil-fażi inizjali, kontra 7.78 % fl-2005.

5.4. Ir-raġunijiet ewlenin li jiġġustifikaw il-konferma ta' rifjut għall-aċċess huma l-istess bħal fl-istadju inizjali:

– il-protezzjoni ta' l-għan ta' l-attivitajiet ta' l-inkjesta (27.18 %);

– il-protezzjoni tal-proċess deċiżjonali (17.48 %).

Il-protezzjoni ta' l-interessi kummerċjali tintuża f'16.50 % tal-każijiet ta' rifjut (kontra 14,32% fl-2005) u għalhekk qed tiżdied sew. L-istess għall-protezzjoni ta' l-informazzjoni ta' natura personali (13,59% meta mqabbla ma' 10,61 fl-2005).

6. Ilmenti ppreżentati lill-Ombudsman Ewropew

6.1. Matul is-sena 2006, l-Ombudsman għalaq disa' fajls ta' ilmenti kontra l-Kummissjoni dwar rifjuti ta' l-għoti ta' dokumenti. l-Ombudsman għalaq il-fajl b'kumment kritiku. Żewġ każijiet ingħalqu mingħajr ma kien hemm amministrazzjoni ħażina.

6.1.1. Ilment 617/2003/IP:

Kumpanija li ppartečipat f'sejħa għall-offerti li ma rebħitx ġiet rifjutata l-aċċess għad-dokumenti li kien hemm fl-offerti ta' l-offerenti l-oħra. Fost dawn ta' l-aħħar, dokumenti pubbliċi fi Stat Membru imma li tagħhom l-aċċess jingħata bi ħlas ġew irrifjutati fuq il-bażi tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali bejn l-istituzzjoni u l-Istat Membru kkonċernat, kif stipulat fir-Regolament. L-Ombudsman ikkunsidra li l-Kummissjoni ma applikatx ir-Regolament kif suppost u għalat il-fajl b'żewġ rimarki kritiċi, waħda dwar id-deċiżjoni ta' rifjut u l-oħra dwar li kien għadda ż-żmien ta' limitu tat-trattament tat-talba.

6.1.2. Ilment 1764/2003/ELB:

Min ippreżenta l-ilment xtaq li jingħata aċċess għal rapport ta' verifika tal-fondi li jikkorrispondu għall-appoġġ ta' l-aġġustament strutturali fir-Repubblika tan-Niġer. Wara li l-Ombudsman stieden lill-Kummissjoni biex terġa tikkunsidra l-pożizzjoni tagħha, il-Kummissjoni żvelat id-dokument parzjalment. Minkejja dan, l-

Ombudsman għalaq il-fajl b'rimarka kritika dwar ir-reġistru tad-dokumenti li huwa jqies inadegwat.

6.1.3. Ilment 3531/2004/PB:

Uffiċju legali ġie rifjutat aċċess għal dokument li ntbagħat lill-Kummissjoni mill-awtoritajiet tar-Renju Unit, minħabba li dawn ta' l-aħħar opponew li jiġi żvelat. L-Ombudsman ikkunsidra li l-Kummissjoni kienet applikat ir-Regolament kif suppost f'dak li jirrigwarda r-rifjut ta' aċċess. Madankollu għalaq il-fajl b'rimarka kritika dwar li kien għadda l-limitu ta' żmien tat-trattament tat-talba.

6.1.4. Ilment 582/2005/PB:

NGO kienet talbet aċċess għal dokument dwar proċedura ta' riżoluzzjoni ta' tilwim quddiem panel tal-WTO. Il-Kummissjoni rrifjutat li tagħti aċċess fuq il-bażi ta' l-eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-proċeduri legali. L-Ombudsman ikkunsidra li din l-eċċezzjoni ma setgħatx tapplika għall-proċedura tas-soluzzjoni tat-tilwim tal-WTO u għalaq il-fajl b'rimarka kritika.

6.1.5. Ilment 1463/2005/TN:

L-avukat li ppreżenta l-ilment, xtaq jikseb aċċess għall-pjanijiet ta' allokazzjoni ta' emissjonijiet ta' CO2 li diġà ġew approvati meta ċerti pjanijiet ma kienux għadhom ġew approvati. Il-Kummissjoni rrifjutat li tagħti aċċess (fuq il-bażi ta' eċċezzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-proċess ta' deċiżjoni u l-inkjesta għaddejja) sakemm il-pjanijiet kollha kienu għadhom ma ġewx approvati, imma kkomunikathom lil minn għamel it-talba wara l-approvazzjoni tal-pjanijiet. L-Ombudsman ikkunsidra li l-Kummissjoni ma applikatx ir-Regolament kif suppost u għalaq il-fajl b'rimarka kritika.

6.1.6. Ilment 260/2006/BU

Min ippreżenta l-ilment kien talab aċess għad-dokumenti tar-reviżjoni tad-Direttiva 91/414/KEE dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti fitofarmaċewtiċi. Il-Kummissjoni rrifjutat l-aċċess għal ċerti dokumenti minħabba li l-iżvelar ifixkel bil-kbir il-proċess ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni. Fid-deċiżjoni tiegħu, l-Ombudsman ikkunsidra li l-Kummissjoni ħadmet biex tissodisfa min għamel it-talba, u għalhekk għalaq il-fajl mingħajr rimarki.

6.1.7. Ilment 2654/2006/PB:

Min ippreżenta l-ilment kien talab aċċess għal żewġ rapport ta' espert ta' l-2006 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-istat ġenerali tas-sisitema legali fil-Bulgarija. Problema amministrattiva dewmet l-ipproċessar tat-talba. Il-Kummissjoni ammettiet li, minħabba din il-problema, it-talba ma ġietx indirizzata b'mod xieraq. Minħabba li sadanittant it-talba ġiet indirizzata, l-Ombudsman għalaq il-fajl mingħajr rimarki.

6.2. Il-Medjatur irċeva ħames ilmenti matul is-sena 2006 dwar ir-rifjut ta' komunikazzjoni tad-dokumenti.

7. Kawżi ġudizzjarji

7.1. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ħarġet żewġ sentenzi f'kawżi dwar deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jirrifjutaw totalment jew parzjalment l-aċċess għal dokumenti fuq il-bażi tar-Regolament 1049/2001.

7.1.1. Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-14 ta' Diċembru 2006, kawża T-237/23, Technische Glaswerke Ilmenau (TGI) vs il-Kummissjoni:

Il-Qorti tal-Prim'Istanza annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li rrifjutat l-aċċess għall-fajl dwar kwistjoni ta' proċedura ta' għajnuna Statali, filwaqt li fakkret li l-istituzzjoni għandha tagħmel analiżi konkreta u individwali tad-dokumenti mitluba. Madankollu, l-istituzzjoni tista' ma tagħmilx dan l-eżami meta, minħabba ċirkostanzi speċifiċi għall-każ, jidher ċar li l-aċċess għandu jiġi rifjutat jew bil-kontra jingħata. Barra minn dan, f'każijiet eċċezzjonali biss u meta l-piż amministrattiv ikkawżat minn eżami konkret u individwali tad-dokumenti li jkun partikolarment diffiċili, li jwassal għal eċċess tal-limitu raġonevoli ta' dak li huwa meħtieġ, tista' tingħata deroga mill-obbligu ta' eżami tad-dokumenti. Il-Kummissjoni ippreżentat appell fil-Qorti tal-Ġustizzja kontra din id-deċiżjoni. Il-Kummissjoni ippreżentat appell fil-Qorti tal-Ġustizzja kontra din id-deċiżjoni.

7.1.2. Deċiżjoni tal-Qorti tal-Prim Istanza tas-6 ta' Lulju 2006, każijiet konġunti T-391/03 u T-70/04, Franchet u Byk kontra l-Kummissjoni:

Il-Qorti tal-Prim Istanza annullat parzjalment Deċiżjoni ta' OLAF u Deċiżjoni tal-Kummissjoni li jirrifjutaw l-aċċess għal rapporti ta' investigazzjoni (OLAF) u verifika (Kummissjoni), billi tgħid li l-"eċċezzjoni bbażata fuq il-protezzjoni ta' l-iskop ta' ispezzjonijiet, investigazzjonijiet u verifiki japplika biss jekk l-iżvelar tad-dokumenti kkonċernati jista' jipperikola t-tlestija ta' l-ispezzjonijiet, l-investigazzjonijiet jew il-verifiki. Il-Qorti tal-Prim Istanza tippreċiża li l-atti differenti ta' inkjesta jew ispezzjoni jistgħu jibqgħu koperti minn din l-eċċezzjoni sakemm l-attivitajiet ta' inkjesta jew ispezzjoni jkomplu, anke jekk l-inkjesta jew l-ispezzjoni partikolari li wasslet għar-rapport li għalih ma ngħatax aċċess tlesta.

Il-Qorti tal-Prim Istanza tikkonferma wkoll li l-għan tar-Regolament huwa li jiggarantixxi l-aċċess tad-dokumenti għall-kulħadd u mhux biss aċċess tad-dokumenti għall-parti li titlobhom. B'konsegwenza ta' dan, l-interess partikolari li jista' jiġi affermat mill-parti li qed tippreżenta t-talba fil-kisba ta' aċċess għal dokumenti li tikkonċernaha personalment ma jistax jiġi kkunsidrat biex jiġġustifika l-iżvelar.

7.2. Il-Qorti tal-Prim Istanza tat sentenza f'każ dwar Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-qasam tal-kompetizzjoni, li jistħoqilha tiġi msemmija minħabba li fiha l-Qorti tal-Prim Istanza stabiliet rabta bejn ir-regoli tal-kompetizzjoni u r-regoli ta' trasparenza. Din kienet is-sentenza tal-Qorti tal-Prim Istanza tat-30 ta' Mejju 2006 dwar il-każ T-198/03 *Bank Austria Creditanstalt AG kontra l-Kummissjoni:*

Il-Qorti tal-Prim Istanza sabet li r-regoli tal-kompetizzjoni jagħtu protezzjoni partikolari għall-informazzjoni li l-Kummissjoni saret taf dwarhom fil-qadi ta' dmirijietha u li, min-natura tagħha, hija marbuta bis-sigriet professjonali li huwa kunċett usa' mis-sigrieti professjonali.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Prim Istanza tippreċiża li għandha ssir distinzjoni bejn il-protezzjoni li għandha tingħata għall-informazzjoni marbuta mis-sigriet professjonali meta mqabbla ma' persuni terzi li jgawdu mid-dritt li jinstemgħu fil-qafas ta' proċedura ta' applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni u l-protezzjoni li għandha tingħata għal dan it-tip ta' informazzjoni fir-rigward tal-pubbliku in ġenerali. Il-Kummissjoni tista' tikkomunika lil dawn il-partijiet ċerti informazzjoni marbuta bis-sigriet professjonali sakemm dan ikun neċessarju għall-prosegwiment xieraq ta' l-investigazzjoni. Madankollu, din il-faċilità ma tapplikax għas-sigrieti kollha tan-negozju, li għalihom hija assigurata protezzjoni partikolari speċjali. Min-naħa l-oħra, informazzjonijiet koperti mis-sigriet professjonali ma jistgħux jinkixfu għall-pubbliku ġenerali, independentament jekk jirrigwardawx sigrieti ta' negozju jew informazzjoni kunfidenzjali oħra.

7.3. Fl-2006 kien hemm ħames rikorsi ġodda kontra deċiżjonijiet tal-Kummissjoni taħt ir-Regolament 1049/2001. Tliet rikorsi għadhom pendenti; ġie mħassar rikors wieħed u ieħor ġie ddikjarat inammissibbli.

7.3.1. Landtag Schleswig-Holstein/Commission, każ T-236/06[3]:

Din l-applikazzjoni ġekka mill-Parlament tal-Land Ġermaniż ta' Schleswig-Holstein, li jitlob aċċess għal dokument li fih analiżi legali tal-kompetenza tal-Komunità fil-qasam tal-ħażna ta' data personali minn operaturi ta' netwerks ta' komunikazzjoni elettroniċi. L-aċċess ġie rrifjutat parzjalment minħabba li l-iżvelar tiegħu jfixkel il-protezzjoni tal-pariri legali tal-Kummissjoni. Ir-rikorrenti tikkontesta l-applikazzjoni ta' din l-eċċezzjoni u, barra minn dan, tinvoka l-ksur tal-prinċipju tal-kooperazzjoni leali bejn l-istituzzjonijiet.

7.3.2. Landtag Schleswig-Holstein/Commission, każ T-68/07 (ex C-406/06):

Dan ir-rikors jittratta l-istess talba msemmija qabel. B'digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-14 ta' Ġunju 2007, ir-rikors ġie miċħud bħala manifestement inammissibbli.

7.3.3. Meyer-Falk/Commission, affaire T-251/06 AJ (Assistance judiciaire)[4]:

Dan ir-rikors jirrigwarda l-istess dokumenti bħaħ dawk imsemmija fil-punt 6.1.7. Jirrigwarda d-deċiżjoni ta' rifjut u mhux il-proċedura amministrativa.

7.3.4. S. Leclercq/Commission, każ T-299/06[5]:

Ir-rikorrent jixtieq jingħata aċċess għal parti minn database dwar l-informazzjoni dwar l-impjegati tal-Kummissjoni. Din it-talba ġiet irrifjutata minħabba li hija barra mill-iskop tar-Regolament Nru 1049/2001 f'dak li jirrigwarda applikazzjoni għal aċċess ta' dokument eżistenti miżmum mill-Istituzzjoni, fit-tifsira ta' dan ir-Regoalment.

7.3.5. Eurostrategies SPRL/Commission, każ T-203/06[6]:

---

3 ĠU C 261, 28.10.2006, p.24.
4 ĠU C 281, 18.11.2006, p.39.
5 ĠU C 326, 30.12.2006, p.59.

Ir-rikorrent hija kumpanija li tixtieq tingħata aċċess għal ċerti dokumenti dwar proċedura ta' sejħa għall-offerti għal proġett li għandu jsir fil-Polonja. Il-kawża tħassret mir-reġistru b'Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-1 ta' Diċembru 2006.

8. Konklużjonijiet

Bħas-snin ta' qabel, l-impressjoni ġenerali li toħroġ mill-analiżi tat-talbiet għall-aċċess hi li proporzjon kbir minn dawn jikkonċerna l-attivitajiet tal-Kummissjoni fil-qasam tal-kontroll ta' l-applikazzjoni tal-liġi komunitarja. F'bosta każijiet, dawn it-talbiet għall-aċċess isiru bl-għan li jiġu akkwistati dokumenti li x'aktarx li jappoġġaw il-pożizzjoni ta' min jagħmel it-talba fil-kuntest ta' ilment, per eżempju dwar ksur suspettat tad-dritt komunitarju, jew ta' rikors amministrattiv jew ġudizzjarju. Għandu jiġi nnutat li dawn it-talbiet ġeneralment jinvolvu volumi kbar ta' dokumenti li l-analiżi tagħhom toħloq xogħol amministrattiv kbir.

Ta' min jinnota wkoll li, bħas-snin ta' qabel, l-eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-proċess ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni hija invokata l-aktar sabiex tipproteġi t-teħid ta' deċiżjonijiet individwali mill-proċess leġislattiv. Fil-qasam leġiżlattiv, hemm iktar u iktar dokumenti direttament aċċessibbli għall-pubbliku, mingħajr ma jkun hemm bżonn talba għall-aċċess. Id-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni żviluppaw is-siti ta' l-internet tagħhom dwar il-politiki speċifiċi u permezz ta' dan għandhom numru konsiderevoli ta' dokumenti għad-disponibbiltà tal-pubbliku.

L-ilmenti magħluqa fl-2006 mill-Ombudsman fil-parti l-kbira tagħhom kellhom rimarki kritiċi. Minbarra l-każijiet li qabżu l-limitu ta' żmien fit-trattament tat-talbiet, dawn ir-rimarki juru diverġenzi fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament, fil-konfront ta' dawk li l-Qrati Komunitarji biss jistgħu, fl-aħħar mill-aħħar, jieħdu provvediment definittiv. L-għadd ta' lmenti ppreżentati lill-Ombudsman meta mqabbel ma' l-applikazzjoni tar-Regolament 1049/2001 naqas ħafna fl-2006 (ħames ilmenti kontra ħmistax fl-2005).

Il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonfermat il-ġurisprudenza tagħha fuq żewġ punti:

– ir-rekwiżit, fil-prinċipju, ta' eżami konkret u individwali tad-dokumenti li huma s-suġġett ta' talba għall-aċċess;

– l-interess partikolari li jista' jressaq rikorrent m'għandux importanza għall-apprezzament tal-validità ta' deċiżjoni ta' rifjut.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza ċċarat żewġ punti oħra:

– l-eċċezzjoni "inkjesta" tapplika ladarba l-attivitajiet ta' inkjesta jew ta' ispezzjoni jkomplu, anke jekk l-inkjesta jew l-ispezzjoni partikolari li ġġeneraw dokument li tiegħu qed jintalab l-aċċess laħqet it-tmiem;

– l-informazzjonijiet koperti mis-sigriet professjonali ma jistgħux jinkixfu għall-pubbliku ġenerali, independentament jekk jirrigwardawx sigrieti ta' negozju jew informazzjoni kunfidenzjali oħra.

---

[6] ĠU C 224, 16.09.2006, p.51.

ANNESS

Statistika dwar l-applikazzjoni tar-Regolament 1049/2001

1. AMBITU TAR-REĠISTRU

	COM	C	ĠU	PV	SEC	Total
2001	**1.956**	**5.389**	**-**	**-**	**4.773**	**12.118**
2002	**2.095**	**6.478**	**134**	**116**	**3.066**	**11.889**
2003	**2.338**	**6.823**	**135**	**113**	**2.467**	**11.876**
2004	**2.327**	**7.484**	**134**	**145**	**2.718**	**12.808**
2005	**2.152**	**7.313**	**129**	**126**	**2.674**	**12.394**
2006	**2.454**	**6.628**	**129**	**380**	**3.032**	**12.623**
Total	**13.322**	**40.115**	**661**	**880**	**18.730**	**73.708**

TALBIET INIZJALI

2. NUMRU TA' TALBIET

2004 (1)	2005 (1)	2006
3 093	**3 396**	**3 841**

3. REAZZJONIJIET

	2004 (1)		**2005** (1)		**2006**	
	Ghadd	**%**	**Ghadd**	**%**	**Ghadd**	**%**
Pożittivi	2 005	64,82	2 188	64,43	2 836	73,83
Ċaħda	981	31,72	1 084	31,92	892	23,22
Aċċess parzjali	107	3,46	124	3,65	113	2,94
totali	3 093	100,00	3 396	100,00	3 841	100,00

TALBIET TA' KONFERMA

4. NUMRU TA' TALBIET

2004 (1)	2005 (1)	2006
219	**233**	**140**

5. REAZZJONIJIET

	2004 (1)		2005 (1)		2006	
	Ghadd	**%**	**Ghadd**	**%**	**Ghadd**	**%**
Konferma	157	71,69	159	68,24	97	69,29
Reviżjoni parzjali	40	18,26	57	24,46	31	22,14
Reviżjoni totali	22	10,05	17	7,30	12	8,57
totali	219	100,00	233	100,00	140	100,00

(1) Din l-informazzjoni tvarja mhux ħażin mill-informazzjoni mogħtija fir-rapporti ta' qabel, u dan minħabba daħla ta' kjarifika tad-definizzjoni tat-talbiet, li issa bdiet tiġi applikata għall-ipproċessar tad-*data* rreġistrata.

ID-DISTRIBUZZJONI TAR-RIFJUTI SJOND L-EĊĊEZZJONI APPLIKATA (%)

6. TALBIET INIZJALI

	2004	2005	2006
4.1.a protezzjoni ta' l-interess pubbliku - l-ewwel indent - is-sigurtà pubblika	0,28	0,28	1,53
4.1.a protezzjoni ta' l-interess pubbliku - it-2 indent - id-difiża u l-kwistjonijiet militari	0,75	0,21	0,60
4.1.a protezzjoni ta' l-interess pubbliku - it-3 indent - ir-relazzjonijiet internazzjonali	5,04	4,17	7,06
4.1.a protezzjoni ta' l-interess pubbliku - ir-4 indent - il-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika	8,40	2,55	1,19
4.1.b. Protezzjoni tal-ħajja privata u l-integrità ta' l-individwu	5,79	3,68	4,85
4.2. l-1 indent - Protezzjoni ta' l-interessi kummerċjali	8,78	7,78	8,94
4.2. It-2 indent - Protezzjoni tal-proċeduri leġiżlattivi u pariri leġali	8,50	8,63	7,49
4.2. It-3 indent - Protezzjoni ta' l-attivitajiet ta' ispezzjoni, inkjesta u verifika	33,24	41,80	30,72

4.3.l-1 inċiż - Ebda deċiżjoni għada ma ttieħdet - il-proċess ta' deċiżjoni milħuq	11,02	12,73	14,30
4.3. It-2 inċiż - Opinjoni għall-użu intern fid-deliberazzjonijiet u konsultazzjonijiet preliminari	15,41	14,36	19,06
4.5 Rifjut Stat Membru	2,80	3,82	4,26
totali	100,00	100,00	100,00

7. TALBIET TA' KONFERMA

	2004	2005	2006
4.1.a protezzjoni ta' l-interess pubbliku - l-ewwel indent - is-sigurtà pubblika	0,34	0,00	0,00
4.1.a protezzjoni ta' l-interess pubbliku - it-2 indent - id-difiża u l-kwistjonijiet militari	0,00	0,00	0,49
4.1.a protezzjoni ta' l-interess pubbliku - it-3 indent - ir-relazzjonijiet internazzjonali	4,76	5,31	3,40
4.1.a protezzjoni ta' l-interess pubbliku - ir-4 indent - il-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika	7,82	0,53	0,97
4.1.b. Protezzjoni tal-ħajja privata u l-integrità ta' l-infividwu	9,52	10,61	13,59
4.2. l-1 indent - Protezzjoni ta' l-interessi kummerċjali	15,31	14,32	16,50
4.2. It-2 indent - Protezzjoni tal-proċeduri leġiżlattivi u pariri leġali	5,78	10,88	10,19
4.2. It-3 indent - Protezzjoni ta' l-attivitajiet ta' ispezzjoni, inkjesta u verifika	25,85	28,38	27,18
4.3. l-1 inċiż - Ebda deċiżjoni għada ma ttieħdet - il-proċess ta' deċiżjoni milħuq	12,59	7,96	7,77
4.3. It-2 inċiż - Opinjoni għall-użu intern fid-deliberazzjonijiet u konsultazzjonijiet preliminari	9,52	12,47	9,71
4.5 Rifjut minn Stat Membru	8,50	9,55	10,19
totali	100,00	100,00	100,00

DISTRIBUZZJONI TAT-TALBIET

8. SKOND IL-KATEGORIJA SOĊJOPROFESSJONALI TA' MIN IPPREŻENTA TALBA (%)

	2004	2005	2006
Id-Dinja akkademika	11.23	10.49	32.08
Is-Soċjetà ċivili (gruppi ta' interess, industrija, NGSs. eċċ.)	27.31	29.44	17.27

Membri tal-pubbliku li l-profil soċjoprofessjonali tagħhom ma ġiex indikat	32.15	31.89	16.55
Awtoritajiet pubbliċi (minbarra l-istituzzjonijiet ta' l-UE)	10.15	12.32	15.67
Avukati	13.65	11.00	10.43
Istituzzjonijiet Oħra ta' l-UE	5,00	3.78	06.85
Ġurnalisti	0.5	1.07	01.14

9. SKOND L-ORIĠINI ĠEOGRAFIJA TAT-TALBIET (%)

	2004	2005	2006
Il-Belġju	26.42	22.63	20.26
Il-Ġermanja	12.77	13.24	18.67
Franza	8.62	9.71	09.31
L-Italja	10.35	9.77	08.41
Ir-Renju Unit	8,00	6.62	05.73
L-Olanda	4.96	5.29	05.35
Spanja	5.69	5.52	05.33
L-Awstrija	1.73	1.92	03.18
Il-Polonja	1.58	1.48	02.61
Luxembourg	0.65	0.66	02.15
Mhux indikat	5.65	7.44	01.64
Id-Danimarka	2.08	2.14	01.55
Portugal	1.38	1.54	01.31
L-Isvezja	1.19	1.10	01.24
Il-Litwanja	0.19	0.28	01.21
Il-Greċja	1.54	1.92	01.20
L-Irlanda	1.19	1.70	01.15
Ir-Repubblika Ċeka	0.5	0.63	01.08
L-Ungerija	0.73	0.60	0.95
L-Istati Uniti	0.92	0.69	0.89
Il-Finlandja	0.69	0.88	0.78
L-Iżvizzera	0.62	0.85	0.77
Oħrajn			0.63
In-Norveġja	0.35	0.44	0.51
Malta	0.27	0.35	0.49
Is-Slovakkja	0.27	0.38	0.37
L-Estonja	0.15	0.13	0.37
Is-Slovenja	0.23	0.19	0.31
Ċipru	0.31	0.16	0.26

Il-Bulgarija	0.04	0.25	0.25
it-Turkija	0.12	0.09	0.22
Il-Kroazja	0.04	0.09	0.22
Il-Latvja	0.08	0.28	0.20
Ir-Rumanija	0.12	0.16	0.20
Ġappun	0.04	0.03	0.18
Canada	0.12	0.16	0.15
L-Awstralja			0.15
Ukraine		0.03	0.14
Liechtenstein	0.15	0.09	0.12
Ir-Russja	0.12	0.06	0.11
Iżrael		0.06	0.09
Iċ-Ċina (inkl. Hong Kong)		0.06	0.08
FYROM[7]	0.04	0.03	0.08
L-Albanija		0.03	0.05
Il-Brażil		0.03	0.05
L-Iżlanda		0.06	0.03
Il-Messiku		0.03	0.02
L-Eġittu		0.06	
L-Indja		0.03	
Taiwan	-{}-	0.03	

	2004	2005	2006
Pajjiżi ta' l-UE	**91.58**	**89.13**	**93.93**
Pajjiżi Kandidati	**0.27**	**0.54**	**0.22**
Oħrajn	**2.48**	**3.34**	**3.49**
Mhux indikat	**5.65**	**7.50**	**2.37**

10. SKOND L-OQSMA TA' INTERESS (%)

	2004	**2005**	**2006**
Il-Kompetizzjoni	14.58	12.70	09.85
Is-Segretarjat Ġenerali, il-Kabinetti u l-Kunsilliera tal-Politika Ewropea	8.66	9.41	09.48
Ġustizzja, Libertà u Sigurtà	3.81	4.70	08.85

[7] L-Ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

L-Ambjent	7.23	8.19	06.88
Is-Suq Intern	8.5	8.01	06.68
Trasport u Enerġija	5.54	6.37	06.45
Tassazzjoni u Unjoni Doganali	7.5	6.27	04.73
Intrapriża u Industrija.	3.31	4.63	04.67
Amministrazzjoni, personal u reklutaġġ	2.35	2.23	03.71
Impjiegi u affarijiet soċjali	4.15	2.62	03.60
is-Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur	2.38	2.68	03.38
Għajnuna esterna u żvilupp	2.39	3.06	03.35
Politika Reġjonali	2.96	3.91	03.20
Agriculture	5.15	4.44	03.09
Tkabbir	1.31	1.99	03.06
Relazzjonijiet esterni	2.5	1.92	02.84
Kummerċ estern	2.27	1.67	02.27
Baġit u verifika interna	2.19	2.11	02.12
Informatika u soċjetà ta' l-informazzjoni	0.88	1.83	02.11
Edukazzjoni u Kultura	1.38	1.07	02.11
Riċerka u teknoloġija	1.92	1.36	01.49
Kwistjonijiet legali	2.81	1.92	01.46
Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji	1.92	1.92	01.21
Is-Sajd	1	1.64	01.00
Stampa u Komunikazzjoni	0.69	0.69	0.92
Ġlieda kontra l-frodi	2.12	1.39	0.68
Statistiċi	0.15	0.32	0.58
Interpretazzjoni u traduzzjoni	0.31	0.25	0.17
Pubblikazzjonijiet Uffiċjali	0.04	0.03	0.06